11 ta' Ottubru, 1952.

Imħallef :—

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* George Pace

**Għajxien mill-Qliegħ tal-Prostituzzjoni — Reat Kontinwat — Provi — Kompliċità — Piena — Art. 20 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Il-kompliċità tippresupponi ineluttabilment l-akkordju ta' aktar minn forza waħda (morali jew fiżiċi) li jikkonverġu biex jipperpetraw "l-istess delitt". Dan l-intent komuni, li jiġi kommess l-istess delitt, ma jirrikorrix f'min jgħix mill-qliegħ tal-prostituzzjoni u fil-mara li tipprostitwixxi ruħha. U għalhekk, il-mara li tipprostitwixxi ruħha ma hix kompliċi fid-delitt ta' min jgħix minn fuq il-prostituzzjoni tagħha. U konsegwentement mhix applikabili, fil-każ ta' akkuża dwar għajxien mill-qliegħ tal-prostituzzjoni, id-dispożizzjoni tal-liġi li tgħid li d-depożizzjoni tal-kompliċi ma hix biżżejjed biex tikkonvinċi lill-imputat jekk ma tkunx korroborata minn provi oħra.*

*Ir-reat ta' min jgħix mill-qliegħ tal-prostituzzjoni ma hux reat kontinwat; għax biex jista' jingħad li bniedem qiegħed jitmantna, għal kollox jew f'parti, mill-qliegħ tal-prostituzzjoni, hemm bżonn ta' serje, ossija kumpless ta' attijiet li flimkien jiffurmaw l-azzjoni vjolatriċi tal-liġi; u dina r-ripetizzjoni ta' dawk l-attijiet hija element essenzjali ta' dan ir-reat. U dan avvolja jkun hemm plu-*

*ralità ta' suġġetti passivi, jiġifieri ta' nisa li jipprostitwixxu ruħhom.*

*Akkademikament jista' jingħad li talvolta, f'dan id-delitt partikulari, jista' jkun hemm ir-reat kontinwat meta jkun hemm kumpless ta' attijiet, u mbagħad, b'intervall apprezzabili jkun hemm serje distingwibili ta' attijiet oħra, u dawn iż-żewġ serje ta' attijiet, kostitwenti flimkien, kull serje minnhom, azzjoni vjolatriċi tal-liġi, jiġu unifikati flimkien in virtù ta' riżoluzzjoni kriminuża waħda. F'każ simili, l-intervall taż-żmien ma hux ostativ għall-konċett tar-reat kontinwat; imma ma jkunx interess tad-difiża li tikkumbatti l-kontinwità, jekk tikkonċedilha l-Prosekuzzjoni.*

*Dan id-delitt minn dejjem ġie kunsidrat bħala partikolarment gravi u oġġezzjonabili; u jekk il-progress taż-żmien naqqas il-ħruxija talpieni, ma naqqas bl-ebda mod l-iskifożità ta' delitt simili.*

B'sentenza tat-13 ta' Awissu 1952, il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta sabet lill-imsemmi Pace ħati talli, b'attijiet eżekuttivi ta' l-istess riżoluzzoni, f'dawn l-aħħar tmintax il-xahar, għex xjentement, għal kollox jew f'parti, minn fuq il-qliegħ tal-prostituzzjoni, u kkundannatu għall-piena tal-lavuri furzati għal żmien sentejn;

L-imputat appella, u talab ir-revoka ta' din is-sentenza u li jiġi meħlus mill-imputazzjoni;

Trattat l-appell tiegħu, din il-Qorti kkunsidrat;

Dr. Flores, difensur ta' l-appellant, espona żewġ motivi ta' doljanza kontra d-deċiżjoni ta' l-Ewwel Qorti fil-meritu. Motivi simili ġew avvanzati minn difensuri oħra f'kawżi oħra ta' din ix-xorta li għadhom pendenti, u għalhekk, biex tasal għad-deċiżjoni dwarhom li sejra tingħata, din il-Qorti rriflettiet fuq l-argumenti kollha li semgħet, ġa ladarba din id-deċiżjoni, li hi l-ewwel waħda fuq dawn il-punti li sejra tingħata mill-Imħallef sedenti, sejra tkun għalhekk, almenu għall-Qorti kif presjeduta, il-"locus classicus" għad-deċiżjonijiet fil-kawżi l-oħra fuq imsemmija. L-istess Dr. Flores issolleva wkoll, in subordine, il-gravam ta' l-eċċessività tal-piena;

Dwar l-ewwel motiv ta' l-aggravju, ċjoè dwar illi, peress li n-nisa li, kif tallega l-Prosekuzzjoni, ġew sfruttati mill-imputat, ma humiex korroborat minn provi oħra, għalhekk ix-xhieda tagħhom ma hix biżżejjed, għaliex huma għandhom

jitqiesu bħala kompliċi, u bħala tali x-xhieda tagħhom tinħtieġ konferma, skond il-liġi;

Din il-Qorti ma tistax taċċetta t-teżi li dawn in-nisa, f'każijiet simili, għandhom jiġu ritenuti bħala kompliċi. Infatti dan jidher ċar appena wieħed jirriferixxi ruħu għall-prinċipju bażilari tal-kompliċità. Il-kompliċità, kif inhu paċifiku fid-dottrina u l-ġurisprudenza, tippresupponi ineluttabbilment l-akkordju ta' aktar minn forza individwali waħda (morali jew fiżiċi) li jikkonverġu biex jipperpetraw "l-istess delitt". Issa, dan l-intent komuni li jiġi kommess dak id-delitt determinat ma hemmx f'dan il-każ; għas-sempliċi raġuni li, mentri l-intent tal-mara li tippresta ruħha hu dak li taqla' l-flus billi tikkonċedi l-favuri tagħha stess lill-avventuri, l-intent ta' l-imputat ta' delitt simili hu dak li jaqla' l-flus bl-isfruttament ta' dik il-prostituzzjoni "ta' ħaddieħor". Ma jistax ikun hemm kompliċità fejn hemm, għar-rigward ta' wieħed u l-ieħor, intenzjoni distinta, sew jekk distinta innoċentement, sew jekk distinta kriminalment. Hu prinċipju li l-kompliċità **ma hix aċċessorja għall-persuna ta' l-awtur, iżda għall-fatt; u** f'dawn il-każijiet il-fatt ta' l-imputat hu ta' xorta tali li l-mara li tkun ipprestat ruħha ma tistax taċċedi għalih; għar-raġuni ovvja li, mentri hu qiegħed jisfrutta lilha, hi ma tkunx qegħda tisfrutta lil ħaddieħor, imma tkun qegħda biss tipprostitwixxi lilha nnfisha;

Għalhekk, in bażi għal dawn il-prinċipji tal-kompliċità li huma aċċettati paċifikament mill-awturi kollha, is-soluzzjoni ta' din il-kwistjoni ma tistax ħlief tkun — ammenokkè wieħed ma jridx imur kontra tagħhom — fis-sens li dawn in-nisa, f'dawn il-każijiet, ma humiex kompliċi, u kwindi r-regola tan-neċessità tal-konferma ma toperax;

It-tieni aggravju tad-difiża hu illi d-delitt in parola ma jistax jitqies kontinwat, għaliex l-abitwalità jew ripetizzjoni ta' l-attijiet hija element essenzjali tad-delitt stess, u għalhekk, ladarba r-ripetizzjoni hi meqjusa bħala element, ma tistax raġonevolment terġa' titqies bħala kontinwità;

F'dan ir-riljev id-difiża għandha raġun, in bażi għall-prinċipji tar-reat kontinwat;

Infatti hu ċar illi ma jistax jingħad li bniedem qiegħed jgħix, f'kollox jew in parti, fuq il-qliegħ tal-prostituzzjoni,

*meta si tratta biss ta' att wieħed*, konsistenti filli f'okkażjoni waħda jressaq raġel lil mara biex jieħu sehem mill-qliegħ. Biex jista' jingħad li bniedem qiegħed jitmantna, għal kollox jew f'parti, mill-qliegħ tal-prostituzzjoni, hemm bżonn bħala element stess *tar-reat, serje*, ossija kumpless ta' attijiet, li flimkien jiffurmaw l-azzjoni vjolatriċi tal-liġi. Minn dan tinżel loġika l-konsegwenza. Ġa ladarba element indispensabbli tar-*reat kontinwat* huwa illi *jkun hemm* "la *ripetizione di più azioni*, ciascuna delle quali rappresenta una perfetta *violazione della legge*" (Carrara, Programma, Parte Generale, para. 517), u ġaladarba kull att minn dawk fuq imsemmijin, waħdu, ma jistax *jikkostitwixxi* azzjoni vjolatriċi tal-liġi, għax hemm bżonn li jkun hemm kumpless ta' attijiet, għalhekk dak il-kumpless ma jġibx *kontinwità*, għaliex hu kompost minn pluralità ta' attijiet, u mhux minn pluralità ta' azzjonijiet, kull waħda minnhom vjolazzjoni perfetta *tal-liġi*;

Din il-konklużjoni ma tiġix nieqsa bil-pluralità tas-suġġetti passivi (nisa li jipprestaw ruħhom); għax anzi d-*dottrina awtorevoli* (Impallomeni, Monografia, Concorrenza Reale e Concorrenza Formale dei Reati) hija aktarx ta' fehma illi, meta ma *jkunx reat* kontra l-proprjetà, allura d-diversità tas-suġġett passiv hi ostativa għan-nozzjoni tar-reat kontinwat. Proprjament, *f'każijiet* ordinarji, id-diversità tas-suġġett passiv imissha ġġib molteplicità ta' reati uniċi; imma f'dan il-każ ta' dan id-delitt, filwaqt li ma *ġġibx kontinwità*, ma ġġibx lanqas pluralità ta' delitti; għaliex fl-essenza tiegħu dan hu delitt, kif juru l-bon sens ġuridiku u t-termini tas-subartikolu (3) tal-art. 7 tal-Kap. 102, minn dawk li l-Maino jsejjaħ ġustament (Vol. I, p. 263, para. 422) "delitto complesso unico", *li fih ikun hemm* molteplicità ta' attijiet, iżda mhux ta' reati;

Akkademikament, jista' jingħad li talvolta, f'dan id-delitt partikulari, jista' jkun hemm *ir-reat* kontinwat meta jkun hemm kumpless ta' attijiet, imbagħad, b'intervall apprezzabili, ikun hemm serje distingwibili ta' *attijiet* oħra, u dawn *iż-żewġ serje ta' attijiet*, kostitwenti flimkien, kull serje minnhom, azzjoni vjolatriċi ta' din il-liġi, jiġu unifikati flimkien *in virtù* tar-riżoluzzjoni kriminuża waħda. F'każ simili l-intervall ta' żmien ma hux ostativ għall-konċett tar-reat kontinwat; għax *anzi* l-liġi (*art.* 20) tikkontempla l-ipotesi

ta' żmienijiet differenti; imma però jista' jkun hemm diffikultà jekk kienx hemm l-uniċità tar-riżoluzzjoni jew kienx hemm riżoluzzjoni ġdida. S'intendi, f'każ simili, għad-differenza tal-każ attwali, ma jkunx interess tad-difiża li tikkontesta l-kontinwità, jekk tikkonċedilha l-Prosekuzzjoni, għax fil-każ preżenti d-difiża qiegħda tikkontesta l-kontinwità biex tirbaħ l-uniċità, mentri fil-każ prospettat id-difiża, jekk twaqqa' l-kontinwità, timbatti fil-pluralità tar-reati. Pjuttost tkun id-difiża li titlob il-kontinwità, jekk ma tagħtiħilhiex il-Prosekuzzjoni, biex tevita l-molteplicità;

Għalhekk il-Qorti hi ta' fehma li fil-każ preżenti kontinwità ma hemmx;

Fil-meritu, id-delitt ġie pruvat;

In subordine, Dr. Flores ilmenta li l-piena hi eċċessiva;

L-Imħallef sedenti josserva li, in linea di massima, hu ma hux inklinat inaqqas il-piena f'dawn id-delitti, kif fl-oħrajn, ammenokkè ċ-ċirkustanzi tal-każ ma jurux xi sproporzjon; u jirrileva partikolarment, għap-propożitu ta' dawn id-delitti, illi x-xorta tagħhom ma tantx hi tali li tinvolja għall-indulġenza. Minn dejjem dan id-delitt ġie kunsidrat bħala partikolarment gravi u oġġezzjonabili. L-istoriku jista' fuq daqshekk jikkonsulta utilment il-Merlin, Rep. Giurisprudenza, Vol. XVIII, taħt it-titolu "Ruffianesimo" — "Maquerellage", fejn hemm id-diversi pieni ħorox li kienu meditati għal dan id-delitt. Jekk il-progress taż-żmien naqqas il-ħruxija tal-pieni, ma naqqas bl-ebda mod l-iskifożità ta' delitt simili;

Iżda f'dan il-każ tikkonkorri din iċ-ċirkustanza li sejra ningħad;

Il-Maġistrat sab ħati l-imputat għat-termini ta' l-imputazzjoni, li kienet tinkludi l-kontinwità, u ċċita fid-dispożitiv tas-sentenza l-art. 20 Kap. 12, li jikkontempla l-kontinwità u jawtorizza axxenS tal-piena minn grad wieħed sa tnejn;

Issa, l-awment hu fakoltativ. Minbarra dan, il-piena mogħtija hi fil-limiti tas-sanzjoni tar-reat, anki jekk mhux kontinwat, ċjoè sa sentejn ħabs jew lavuri furzati. Jista' jkun. kosikkè, li l-Maġistrat ma applikax l-awment, li huwa fakoltativ. Imma hemm anki l-possibilità li fil-qies tal-piena influwenzatu ċ-ċirkustanza tal-kontinwità, u li diversament

kien jagħti anqas mill-maximum. Għalhekk hu ġust li, minħabba hekk, ikun hemm minorazzjoni tal-piena, sabiex jiġi inkontrat dan id-dubju, ġa ladarba din il-Qorti issa eskludiet il-kontinwità ;

Għalhekk din il-Qorti pprovdiet fuq l-appell, fis-sens biss li, fil-waqt li ssib l-imputat ħati talli xjentement għex mill-qliegħ tal-prostituzzjoni ta' persuna oħra, teskludi però l-kontinwità, u tirriduċi l-piena tal-lavuri furzati għal żmien wieħed u għoxrin xahar ;

U f'dan is-sens tirriforma l-pronunċja appellata.